***Worksheet* Ċ6.3.5**
Neżaminaw daqsxejn dak li nimpurtaw u dak li nesportaw.




**A: Għall-interess tagħna: Nitgħallmu xi jfissru l-kelmiet IMPORTAZZJONI u ESPORTAZZJONI**.

Meta nixtru oġġett minn barra minn Malta, inkunu qegħdin **NIMPURTAW**. Meta nbigħu oġġett barra minn Malta nkunu qegħdin **NESPORTAW**.



F'dan ir-ritratt, bdiewa Maltin jidhru qegħdin jaqilgħu l-patata mill-għelieqi tagħhom. Wara li tinqala', il-patata tinġabar fil-kaxxi l-ħodor li jidhru mxerrdin mal-għalqa.



Fit-tieni ritratt il-patata tidher qiegħda tiġi magħżula biex imbagħad tiġi ppakkjata fi xkejjer apposta. Wara titqiegħed ġo kontejners biex tiġi esportata, jiġifieri mibjugħa f'pajjiżi barranin.

Ta' min jinnota li:

- Meta NESPORTAW inkunu qegħdin **inbigħu** u allura naqilgħu l-flus mingħand pajjiżi barranin.
- Meta NIMPURTAW inkunu qegħdin **nixtru** u allura nħallsu l-flus lil pajjiżi barranin.

Dan il-bejgħ jew xiri jissejjaħ KUMMERĊ.

**B: Aqra, aħseb, imbagħad wieġeb.**



Ms Arrigo talbet lill-istudenti tas-Sitt Sena biex jagħmlu lista tal-oġġetti kollha li ~~kien~~ hemm madwarhom fil-klassi. Wara mlew flimkien din it-tabella t'hawn taħt.

| | **oġġett** | **deskrizzjoni** | **xogħol** | **IMPORTAZZJONI** |
|---|---|---|---|---|
| 1 | pitazzi | il-karta ssir mis-siġar | saru fi stamperija f'Malta | nimpurtaw il-karta |
| 2 | imwejjed | magħmulin mill-injam u pajpijiet tal-ħadid | maħduma minn mastrudaxxi u ħaddieda Maltin | nimpurtaw l-injam u l-ħadid |
| 3 | kotba | il-karta u l-kartun isiru mis-siġar | xi kotba stampati f'Malta, oħrajn stampati barra | nimpurtaw il-karta u l-kartun |
| 4 | twieqi | magħmulin mill-aluminju | maħdumin fi ħwienet tax-xogħol Maltin | nimpurtaw l-aluminju |
| 5 | ġebel tal-ħitan | ġebel tal-franka maqtugħ mill-barrieri Maltin | bennejja Maltin | ////////////// |
| 6 | madum | ċeramika | imqiegħed minn ħaddiema Maltin | nimpurtaw iċ-ċeramika |
| 7 | cupboards | magħmulin mill-injam | maħduma minn mastrudaxxi Maltin | nimpurtaw l-injam |
| 8 | fannijiet | ħadid, plastik u mutur elettriku | maħdumin barra | impurtati lesti |

1. Minn liema materjal huma magħmula t-twieqi tal-klassi? Dal-materjal insibuh f'Malta jew nimpurtawh?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Liema hu l-uniku materjal li ma ġiex impurtat minn barra? Minn fejn inġieb?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Semmi żewġ materjali li jiġu mis-siġar li jikbru f'foresti barra minn Malta?

______________________________________________________________________

4. Fil-klassi hemm imwejjed magħmula mill-pajpijiet tal-ħadid u mill-injam. X'inhu l-aħjar għal pajjiżna? (agħmel sinjal taħt it-tajba)

(a) Nimpurtaw l-imwejjed lesti minn barra.

(b) Nimpurtaw l-injam u l-ħadid imbagħad l-imwejjed jinħadmu minn ħaddiema Maltin.

Għaliex?______________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Ċ: Wieġeb billi timla l-vojt jew tagħmel sinjal taħt it-tajba.** ~~**bil-għajnuna tal-istampi**~~.

1. Il-maġġoranza tal-karozzi li għandna fit-toroq tagħna bħalissa jaħdmu bil-petrol jew bid-*diesel*. Il-petrol u d-*diesel* li nixtru, jiġi impurtat jew jinstab taħt l-art hawn Malta stess?



______________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Id-dawl elettriku hawn Malta jiġi mill-*powerstation*. Il-*powerstation* taħdem biż-żejt.

(a) Iż-żejt kollu li jintuża jiġi impurtat.

(b) Iż-żejt jinstab fil-Port ta' Marsaxlokk.

(ċ) Hawn Malta nesportaw iż-żejt.



3. Bosta turisti jiddeċiedu li jqattgħu l-vaganzi tagħhom hawn Malta. It-turiżmu huwa importanti ħafna għal pajjiżna għax it-turisti:



(a) jonfqu ħafna flus hawn Malta kemm idumu hawn.

(b) jgħallmuna ħafna lingwi differenti sakemm idumu hawn.

(ċ) jfaħħruna mad-dinja kollha meta jitilqu minn hawn.

4. F'Malta hawn ħafna fabbriki li jagħmlu ħwejjeġ kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel. Xi ħwejjeġ minn dawn jinbiegħu hawn Malta waqt li oħrajn jiġu esportati. Id-drapp biex isiru dawn il-ħwejjeġ jiġi:



(a) mid-dud tal-ħarir li jikber fuq Kemmuna.

(b) impurtat kollu minn barra.

(ċ) mill-qoton li jitkabbar fl-għelieqi Maltin.

5. Xi frott li nixtru jiġi impurtat minn barra waqt li hemm frott li jitkabbar hawn Malta stess. X'inhu l-aħjar li nieklu?



(a) frott tal-bottijiet

(b) frott Malti frisk

(ċ) frott ippakkjat f'kontenituri fil-plastik